# Il-Fabbrika tal-karozzi fil-Marsa



Josef Azzopardi





Malta tas-snin sittin u sebgħin kienet ħafna differenti minn dik tal-lum u fejn jidħlu l-karozzi d-differenza kienet enormi. Bosta minn dawn il-karozzi baqgħu jintużaw sas-snin disgħin u ħafna bdew jisparixxu bil-mod wara li iddaħħal it-test tal-karozzi magħruf bħala l-VRT.

Jekk kont żagħżugħ f'dak iż-żmien u ridt timpressjona lit-tfajliet jew ridt turi kemm int tajjeb kont tfaddal il-flus biex tkun tista' tixtri karozza. Karozza li biha tkun tista' tmur fi triq Ta' Qali, f'Tal-Barrani, l-Armier u xi toroq kbar oħra u hemm wieħed jagħfas il-gas biex jara s-saħħa tal-karozza tiegħu. Li jkollok karozza, li tkun b'magna b'saħħitha kienet simbolu soċjali u żgur li wieħed kien ikun kburi biha. Min jaf kemm memorji jġibu dawn ix-xeni lil dawk li għexuhom!

Xi żmien ilu iltqajt ma' ritratt ta' fabbrika fil-Marsa li kienet tipproduċi l-karozzi u minn dan ir-ritratt xtaqt insib xi informazzjoni li jitfa' dawl fuq l-istorja sinjura u vasta tal-lokal tagħna u dan qed naqsmu magħkom biex l-istorja tal-għażiża Marsa tagħna ma tintesix.

Fis-snin sittin, ġewwa l-Marsa kien hawn fabbrika tal-karozzi magħrufa







bħala 'Car Assembly Ltd'. Il-fabbrika kienet wara ċ-ċimiterju tat-Torok, fejn illum hemm l-istamperija tal-Gvern. L-ewwel karozzi li nbew hemm hekk kienu Triumph Herald. Maż-żmien bdew isiru oħrajn bħal Hillman Hunter/Minx (arrows range), Alfa Romeo, Alfasud, MINI u Morris Marina. F'din il-fabbrika nbew ukoll verżjonijiet lokali ta' Commer Van, Rover P6 2000 u Austin/Morris 1100/1300. Min hu delettant żgur li jaf x'kienu dawn it-tip ta' karozzi u xi qarrejja żgur li kellhom xi karozzi minn dawn.

Triumph Herald kienet tinbiegħ ħafna f'Malta u anki f'pajjiżi oħrajn. Karozzi bħad-Dodge u Hillman Hunter/Minx (Arrows range) ukoll kienu favoriti. Interessanti li din il-fabbrika mill-Marsa bdiet anki tesporta karozzi lejn it-Tuneżija u l-Jamaica. Morris Marina ta' Malta kienet tiġi esportata lejn il-Ġamajka u t-Triumph Herald kienet tinbiegħ ġewwa Israel u l-Greċja. Il-fabbrika baqgħet miftuħa sal-1981.

Il-lokal tagħna huwa mwaħħad mal-ġrajjiet tal-industrija f'pajjiżna, inbnew il-vapuri fix-Shipbuilding u anki karozzi, kif rajna dwar din il-fabbrika. Ta' min isemmi wkoll li fi Triq Balbi faċċata tal-iskola Primarja, kienu anki jinbnew il-karozzi tal-linja mill-aħwa Vella, imlaqqma tal-bodijiet. Dawn l-elementi jagħmlu l-istorja tal-lokal tagħna waħda interessanti u unika, u sabiħ li nkomplu nxerrdu ma' uliedna l-ġrajjiet tal-lokal tagħna.

**Referenzi:**

Mizzi Motors - http://www.mizzimotors.com/
Around the World: Malta - http://www.aronline.co.uk/blogs/around-the-world/around-the-world-malta/